

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Taħriġ, Networks Ġudizzjarji U Aġenziji](#) > [Taħriġ Tal-professjonisti Tal-ġustizzja Networks U Strutturi Tat-taħriġ Tal-UE](#) > L-Akkademja tad-Dritt Ewropew - ERA

L-Akkademja tad-Dritt Ewropew - ERA

## Gruppi fil-mira

L-ERA taħdem mal-prattikanti kollha tal-liġi:

- Imħallfin, prosekuturi u impjegati tal-qorti
- Avukati tas-settur privat, nutara u konsulenti interni
- Uffiċjali tal-infurzar tal-liġi u avukati fl-amministrazzjoni pubblika.

## Tipi ta' attivitajiet ta' taħriġ żviluppati

L-ERA toffri konferenzi u korsijiet f'livelli differenti fiċ-ċentru tagħha fi Trier (viċin il-kapitali ġudizzjarja tal-UE fil-Lussemburgu), madwar l-Ewropa u online:

- Konferenzi annwali għar-rieżami tal-aħħar żviluppi u d-dibattitu dwarhom
- Seminars li fihom il-prattikanti jesploraw fid-dettall żviluppi speċifiċi
- Korsijiet ta' taħriġ bażiku bħala introduzzjoni għal qasam speċifiku tad-dritt tal-UE
- Korsijiet fil-lingwaġġ legali.

Dawn l-eventi jseħħu wiċċ imb wiċċ, online jew f'format ibridu.

L-ERA tipprovdi wkoll:

- korsijiet u riżorsi ta' apprendiment mill-bogħod
- Preżentazzjonijiet mill-bogħod mill-aqwa esperti fid-dritt tal-UE
- Ġurnal legali ta' kull 3 xhur bl-isem *ERA Forum*.

Il-programmi ta' taħriġ tal-ERA jkopru l-firxa sħiħa ta' liġijiet tal-UE:

- Il-liġi pubblika Ewropea, eż. il-liġi istituzzjonali, id-drittijiet fundamentali, l-ażil u l-immigrazzjoni, il-liġi dwar l-ambjent, it-taxxa
- Id-dritt privat Ewropew, eż. il-protezzjoni tal-konsumatur, il-liġi tax-xogħol u dik soċjali, id-dritt internazzjonali privat, il-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili
- Il-liġi kummerċjali Ewropea, eż. id-dritt tal-kompetizzjoni, l-akkwist pubbliku, id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, id-dritt tal-kumpaniji, ir-regolamentazzjoni bankarja u finanzjarja
- Id-dritt kriminali Ewropew, eż. il-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, il-kooperazzjoni tal-pulizija, iċ-ċiberkriminalità, id-difiża u d-drittijiet tal-vittmi.

## Attivitajiet fl-2021

Fl-2021 l-ERA organizzat 209 avveniment ta' taħriġ li għalihom attendew 9010 prattikant legali minn 86 pajjiż u territorju. Offriet ukoll katalgu ta' 630 preżentazzjoni mill-bogħod u għadd ta' korsijiet ta' apprendiment mill-bogħod u għodod online.

Il-parteċipanti kienu ġejjin minn sfondi professjonali ta':

- Imħallfin: 12 %
- Prosekuturi: 10 %
- Persunal tal-qorti: 12 %

- Avukati li jipprattikaw għal rashom: 17 %
- Konsulenti interni: 4 %
- Uffiċjali tal-infurzar tal-liġi: 5 %
- Uffiċjali tal-UE: 10 %
- Uffiċjali tal-ministeri: 6 %
- Impjegati oħrajn taċ-ċivil: 7 %
- Akkademiċi: 6 %
- Rappreżentanti ta' fondazzjonijiet/NGOs: 3 %
- Oħrajn: 7 %

(It-total ma jammontax għal 100 % minħabba l-ittondjar)

## Sħubiji/ftehimiet internazzjonali

L-ERA, li hija membru fundatur tan-[Network Ewropew tat-Taħriġ Ġudizzjarju](#) (EJTN), ġiet eletta mill-ġdid fl-2022 bħala membru tal-Kumitat tal-Tmexxija tal-EJTN minbarra li tlaqqa' l-Grupp ta' Fiedma tan-[Network](#) dwar il-Programmi. Għandha wkoll relazzjonijiet tajbin ħafna mal-istituzzjonijiet nazzjonali tat-taħriġ ġudizzjarju, li ma' ħafna minnhom għandha ftehimiet qafas għall-organizzazzjoni konġunta ta' attivitajiet ta' taħriġ għall-imħallfin u l-prosekuturi.

L-ERA hija wkoll sħab regolari mal-[Kunsill tal-Għaqdiet Ewropej tal-Avukati](#) (CCBE), ma' assoċjazzjonijiet tal-avukati Ewropej bħall-Assoċjazzjoni tal-Avukatura Kriminali Ewropea, l-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Avukati tal-Impjeg u l-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Avukati Żgħażaġħ, kif ukoll ma' aktar minn 20 Kamra tal-Avukati nazzjonali madwar l-Ewropa.

## Storja

L-ERA ġiet imwaqqfa fl-1992 fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew. Il-patrni fundaturi kienu l-Gran Dukat tal-Lussemburgu, il-*Land* ta' Rheinland-Pfalz, il-Belt ta' Trier u l-Assoċjazzjoni tal-*Ħbieb* tal-ERA. Fis-snin suċċessivi, l-Istati Membri kollha tal-UE ingħaqdu mal-fondazzjoni.

Ara filmat dwar l-oriġini tal-ERA hawnhekk: <https://www.youtube.com/watch?v=DpNLUGYYAmU>

## Dettalji ta' kuntatt

*L-Akkademja tal-Liġi Ewropea (ERA)*  
 Metzger Allee  
 D-54295 Trier - Il-Ġermanja

Tel.: +49 651 93737-0

Posta elettronika: [info@era.int](mailto:info@era.int)

Numru ta' impjegati: 72

Status legali: L-ERA hija fondazzjoni pubblika mingħajr skop ta' qligħ.

## Link relatata

[Sit web tal-ERA](#)

 L-aħħar aġġornament: 13/02/2026

Din il-paġna hi amministrata mill-Kummissjoni Ewropea. L-informazzjoni f'din il-paġna ma tirriflettix neċessarjament il-pożizzjoni uffiċjali tal-Kummissjoni Ewropea. Il-Kummissjoni ma taċċetta l-ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali fir-rigward tar-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-paġni Ewropej.